

# KUN INNOVATTIV TGĦALLEM



Żgħażaġħ  
Attivi

Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

Żgħażaġħ Attivi:

L-Ewropa tagħti l-appoġġ taġha liż-żgħażaġh

# STUDJA

# OĦLOQ IPPARTEĊIPA


# ID-DRITTIJET TIEGĦEK

# AĦDEM TĦARRIĠ

# IL-VOLONTARJAT

# IĊĊAQLAQ

# fl-EWROPA



La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni m'huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal-qoxra: 123RF / iStock

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur. Il-links f'din il-pubblikazzjoni kienu korretti meta tlesta l-manuskritt.

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib twegġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (\*):  
00 800 6 7 8 9 10 11**

(\* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014  
Print ISBN 978-92-79-35907-1 doi:10.2767/84743  
PDF ISBN 978-92-79-36368-9 doi:10.2767/11467

© L-Unjoni Ewropea, 2014  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*  
STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

Qed tfittex impjeg f'pajjiżek stess, jew tixtieq tittanta xortik xi mkien ieħor fl-Ewropa? Tixtieq tkompli bl-istudji tiegħek f'pajjiż barrani? Diġà għandek impjeg, iżda tixtieq li xorta waħda tkompli ttejjeb l-għarfien tiegħek? Qed tfittex biex tikseb kwalifiki aqwa? Għandek il-ħolma li xi darba tibda negozju żgħir tiegħek? Tixtieq tagħmel xogħol volontarju?

### **L-Ewropa tista' tgħinek!**

L-Ewropa għandha firxa kbira ta' għodod li bihom tista' tgħinek tibdel il-ħolm tiegħek f'realtà.

### **L-Ewropa u ż-żgħażaġħ**

Erasmus huwa bla dubju ta' xejn l-aktar programm Ewropew għaż-żgħażaġħ magħruf — mill-1987, ta lil kważi tliet miljun żaġħżuġħ u żaġħżuġħa l-opportunità li jistudjaw jew li jagħmlu kollokament

ta' xogħol barra minn pajjiżhom. Ferm magħruf ukoll huwa s-sit elettroniku tal-EURES, il-portal Ewropew dwar il-mobilità, li jagħti aċċess onlajn għal aktar minn miljun impjeg kuljum.

L-UE minn dejjem kien jimpurtaha mill-futur taż-żgħażaġħ u minħabba ż-żieda enormi tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ, iddeċidejna li nagħtu spinta ulterjuri biex intejbu s-sitwazzjoni attwali.

Iż-żgħażaġħ huma l-futur tal-Ewropa. Ir-rati tal-qgħad attwali fost iż-żgħażaġħ mhumiex aċċettabbli u jipperikolaw il-prosperità futura tagħna. Kont taf li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, din il-problema ħafna drabi hija kkawżata min-nuqqas ta' kwalifiki u ta' esperjenza? Kont taf li l-Ewropa għandha għad-dispożizzjoni tagħha firxa ta' għodod innovattivi proprju f'dawn l-oqsma?

## **X'tista' tagħmel l-Ewropa għalik?**

L-inizjattiva Żgħażaġġ Attivi, li tnediet mill-UE bħala parti mill-istrateġija tagħha Ewropa 2020, hija tip ta' "kaxxa tal-għodda" ta' miżuri sabiex jgħinu biex jinħolqu l-kondizzjonijiet ideali biex int tkun tista' tikseb l-għanijiet tal-karriera tiegħek. L-educazzjoni teħtieġ li tiġi modernizzata, it-tagħlim għandu jiġi adattat għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-faċilità biex wieħed isiefer għandha ssir iżjed aċċessibbli. Int tista' tkun wieħed/waħda mill-500 000 żaġġżuġħ jew żaġġżuġħa li din is-sena se jibbenefikaw minn programm ta' mobilità.

Sabiex tagħtik aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva u dwar id-diversi programmi Ewropej li huma disponibbli għalik fl-educazzjoni, fit-taħriġ, fil-kultura, fl-impjegi, fil-ftuħ ta' negozji ġodda, fix-xogħol volontarju u fir-riċerka, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-kampanja ta' informazzjoni Żgħażaġġ Attivi. Għaliex ma tiħux sehem f'dibattiti, taqsam l-esperjenzi tiegħek u tqajjem

mistoqsijiet? Sir af aktar x'tista' tagħmel għalik l-Ewropa!

Bħala tweġiba għall-kriżi tax-xogħlijiet li laqtet liż-żgħażaġġ fl-Ewropa, il-Kummissjoni fasslet Pakkett għall-Impjegi taż-Żgħażaġġ, sett ta' miżuri li jgħinu lill-pajjiżi tal-UE jindirizzaw livelli mhux aċċettabbli ta' qgħad u esklużjoni soċjali, taħriġ u impjegi.

Dan il-fuljett jipprovdi lek deskrizzjoni ġenerali tajba tal-programmi u l-attivitajiet li jistgħu jkunu ta' siwi għalik u ... jekk tixtieq iżżomm ruħek aġġornat/a, issieħeb magħna fuq Facebook: [Żgħażaġġ Attivi!](#)

Żgħażaġġ Attivi: <http://ec.europa.eu/youthonthemove>  
Portal għaż-Żgħażaġġ Ewropej: <http://europa.eu/youth>  
Għajnuna u pariri dwar il-ħajja, ix-xogħol u l-ivvjaġġar fl-UE:  
<http://ec.europa.eu/youreurope>

Siefer



Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea



**ft-EWROPA**

<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

## **IĊĊAQLAQ — Siefer**

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt jistudjaw u jaħdmu fi Stat Membru ieħor. Il-fatt li wieħed imur jgħix f'pajjiż ieħor jirrappreżenta opportunità unika biex jitgħallem lingwa ġdida u hillet ġodda, kif ukoll biex jiskopri kultura differenti. Dan itejjeb ukoll iċ-ċans tiegħek li ssib impjeg.

Erasmus+ (il-programm tal-UE għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport għall-2014–20) jimmira li jsaħħaħ il-hillet u l-impjegabilità, u jimmodernizza s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Il-websajt ta' Żgħażaġħ Attivi: <http://ec.europa.eu/youthonthemove>

L-Ewropa Tiegħek: <http://ec.europa.eu/youreurope>

Erasmus+: [http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/index_mt.htm)

Il-Portal Ewropew dwar il-mobilità fix-xogħol: <http://ec.europa.eu/eures>

Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ: <http://www.erasmus-entrepreneurs.eu>

**Tejjeb il-ħiliet tiegħek**



<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

**fl-EWROPA**

## **TĦARREĠ — Tejjeb il-ħiliet tiegħek**

L-UE toffri firxa sħiħa ta' opportunitajiet għalik sabiex tikseb it-tip ta' taħriġ li trid u dak li l-ekonomija teħtieġ.

Il-Fond Soċjali Ewropew huwa l-istrument ewlieni għall-appoġġ fl-impjegi, li jgħin lil nies isibu xogħol aħjar u jiżgura opportunitajiet ta' xogħol aktar ġusti għaċ-ċittadini kollha tal-UE. Jaħdem billi jinvesti fil-“kapital uman” tal-Ewropa — fi kliem ieħor, il-ħaddiema tagħha, iż-żgħażaġh tagħha u lil kull min qed ifittex xogħol.

Erasmus+ joffri firxa wiesgħa ta' għażliet lill-istudenti, lill-apprendisti, lill-gradwati reċenti, lill-professjonisti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u lill-għalliema. Taħt Erasmus+, 650 000 student u apprendista vokazzjonali sejrjn jirċievu għotjiet biex jistudjaw, jitħarrġu jew jaħdmu barra minn pajjiżhom bejn l-2014 u l-2020.

Fond Soċjali Ewropew: <http://ec.europa.eu/esf>

Erasmus+ (edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ): [http://ec.europa.eu/education/opportunities/vocational/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/education/opportunities/vocational/index_en.htm)

Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ: <http://www.erasmus-entrepreneurs.eu>



Kabbar l-għarfien tiegħek



Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea



<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

**fl-EWROPA**

## **STUDJA — Kabbar l-għarfien tiegħek**

Ġew stabbiliti għadd kbir ta' programmi tal-UE li permezz tagħhom iċ-ċittadini Ewropej se jkunu jistgħu jistudjaw barra minn pajjiżhom. Permezz tal-ftuħ ta' dawn l-opportunitajiet, l-UE tippermettitek tiskopri pajjiżi u lingwi ġodda, u tgħinek tkabbar l-orizzonti tiegħek.

Bejn l-2014 u l-2020, Erasmus+ se jipprovdni għotjiet (u 450 000 apprendistat) għal żewġ miljun student ta' edukazzjoni oġhla li se jrin ikunu jistgħu jistudjaw jew jitħarrġu barra minn pajjiżhom.

Studenti li għandhom il-ħsieb li jagħmlu Master's degree sħiħa barra minn pajjiżhom se jrin jibbenefikaw minn skema ta' garanziji fuq self immexxija mill-banek nazzjonali jew minn aġenziji ta' self lil studenti magħżula mill-Bank Ewropew ta' Investment.

Erasmus+ (edukazzjoni oġhla): [http://ec.europa.eu/education/opportunities/higher-education/study-mobility\\_en.htm](http://ec.europa.eu/education/opportunities/higher-education/study-mobility_en.htm)

Aqsam l-esperjenza tiegħek



<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

**fl-EWROPA**

## **TGĦALLEM — Aqsam l-esperjenza tiegħek**

L-UE tippromwovi l-mobilità fit-tagħlim minħabba li din hija parti mill-identità Ewropea, u għażla għaż-żgħażaġħ kollha fl-Ewropa. Tgħin lil ġenerazzjonijiet preżenti u futuri sabiex jilqgħu sfidi ġodda, iħossuhom aktar Ewropej u jikkooperaw ma' xulxin.

Grazzi għal Erasmus+, aktar minn 500 000 żagħżuġħ u żagħżuġħa sejrjn jiksbu l-opportunità li jieħdu sehem fi skambji għaż-żgħażaġħ. Erasmus+ jappoġġa wkoll sħubiji bejn skejjel li jistgħu jwasslu għal skambju għal għalliema, studenti u klassijiet sħaħ.

Erasmus+ (żgħażaġħ): [http://ec.europa.eu/youth/programme/mobility/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/youth/programme/mobility/index_en.htm)

Erasmus+ (skejjel): [http://ec.europa.eu/education/opportunities/school/institutions\\_en.htm](http://ec.europa.eu/education/opportunities/school/institutions_en.htm)

Aqsam it-talent tiegħek



**fl-EWROPA**

<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

## IPPARTEĊIPA — Aqsam it-talent tiegħek

L-UE trid li ċ-ċittadini jkollhom sehem attiv fi kwistjonijiet li jikkonċernawhom.

Jekk miljun ċittadin tal-UE jingħaqdu flimkien, dawn jistgħu jipparteċipaw b'mod dirett fit-tfassil tal-politika tal-UE permezz ta' **inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej** li titlob lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħmel proposta leġiżlattiva f'qasam li jkun għal qalbhom.

Permezz tad-**djalogu strutturat**, l-UE tikkonsulta liż-żgħażaġh u lil organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livelli kollha, fil-Konferenzi taż-Żgħażaġħ tal-UE u matul il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ.

**Il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ** jipprovdi minjiera ta' informazzjoni u jippermetti liż-żgħażaġh jistaqsu u jiskambjaw esperjenzi.

Inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/welcome?lg=mt>

Djalogu u skambju: <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/welcome?lg=mt>

Portal Żgħażaġħ Ewropej: <http://europa.eu/youth>

**Skopri karrieri fir-riċerka**



**Żgħażaġħ  
Attivi**

Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea

**KUN  
INNOVATTIV**



**fl-EWROPA**

<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

## **KUN INNOVATTIV — Skopri karrieri fir-riċerka**

L-azzjonijiet ta' Marie Skłodowska-Curie (MSCAs) jipprovdu taħriġ u żvilupp tal-karriera għar-riċerkaturi fid-dixxiplini xjentifiċi kollha permezz ta' mobilità madwar id-dinja u minn settur għall-ieħor. L-MSCAs jipprovdu għotjiet lir-riċerkaturi fil-fażijiet kollha tal-karrieri tagħhom, minn kandidati tal-PhD għal riċerkaturi b'esperjenza kbira. Dan huwa l-programm tal-UE ewlieni għat-taħriġ fil-livell ta' dottorat u jiffinanzja madwar 25 000 PhD. Huwa appoġġat min-netwerk taċ-ċentri Euraxess li jgħinu fiċ-ċaqliq ta' riċerkaturi minn pajjiż għal ieħor permezz tal-għoti ta' informazzjoni u ta' assistenza rigward l-aspetti kollha relatati mal-ħajja professjonali u mal-ħajja ta' kuljum.

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija jippromwovi l-innovazzjoni billi jlaqqa' flimkien istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oġhla, ċentri ta' riċerka u negozji biex jiffokaw fuq sfidi bħall-enerġija, it-tibdil fil-klima u s-soċjetà tal-informazzjoni. L-isforzi tiegħu huma ffokati fuq ir-riċerkaturi, l-imprendituri u l-istudenti, billi jagħtihom il-ħiliet ix-xierqa, l-għarfien u l-attitudnijiet meħtieġa biex ikun hemm aktar ideat ġodda fis-suq u jiġu stabbiliti negozji ġodda.

Azzjonijiet ta' Marie Skłodowska-Curie: <http://ec.europa.eu/programmes/horizon2020/en/h2020-section/marie-skłodowska-curie-actions>  
Euraxess: <http://ec.europa.eu/euraxess>

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija: <http://eit.europa.eu>



Int tagħmel differenza!



IL-VOLONTARJAT

**fl-EWROPA**

<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

## **IL-VOLONTARJAT — Int tagħmel differenza!**

Huwa stmat li 100 miljun ċittadin Ewropew, xi darba jew oħra, kienu involuti f'xi tip ta' attività ta' volontarjat. Il-volontarjat jipprovdi l-opportunità li wieħed jagħmel differenza billi jkattar sens akbar ta' għaqda u armonija soċjali.

Erasmus+ sejjer jippermetti lil saħansitra aktar Ewropej żgħażaġh sabiex jidħlu b'mod volontarju għal firxa ta' proġetti. L-UE bdiet ukoll tistabbilixxi Korp ta' Għajnuna Umanitarja Volontarja Ewropea, li sejjer jagħti liż-żgħażaġh Ewropej l-opportunità li juru solidarjetà man-nies fil-bżonn.

Erasmus+ (żgħażaġh): [http://ec.europa.eu/youth/programme/mobility/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/youth/programme/mobility/index_en.htm)

Voluntiera tal-għajnuna fl-UE: [http://ec.europa.eu/echo/euaidvolunteers/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/echo/euaidvolunteers/index_en.htm)

**Aġġmel il-ħolm realtà**



<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

**fl-EWROPA**

## OĦLOQ — Agmel il-olm realtà

Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress ġiet stabbilita fl-2010 sabiex tgħin lill-istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament fl-UE jżidu l-ammonti ta' self lil imprendituri u lil impriżi indipendenti li jimpjegaw sa massimu ta' 10 minnies. Dan jista' jwassal għal madwar 45 000 għotja ta' self sa ammont massimu ta' EUR 25 000, li se jsiru disponibbli għal Ewropej żgħażaġh (u oħrajn b'aċċess limitat għas-suq tal-kreditu konvenzjonali) li jridu jibdeu in-negozju tagħhom stess. Uħud mill-fornituri tal-mikrokrediti diġà qed jirrapportaw proporzjon akbar ta' klijenti żgħażaġh.

Il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI — Programme for Employment and Social Innovation) li se jibda fl-2014 se jsew ilaqqaq' flimkien l-attivitajiet tat-tliet programmi tal-UE li qabel kienu jiġu ġestiti separatament: Progress, EURES u Progress Microfinance. It-tielet "fus" tiegħu se jsew isegwi l-attivitajiet ta' Progress Microfinance u se jsew jipprovdi wkoll finanzjament għall-bini tal-kapaċità għal fornituri tal-mikrofinanzjament. Il-Programm se jsew jestendi l-appoġġ għall-intrapriżi soċjali, inkluż dawk li jgħinu liż-żgħażaġh isibu triqthom għal impjiegi

Il-programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ se jippermetti lil imprendituri ġodda, jew dawk li jixtiequ jkunu imprendituri, jingħallmu kif imexxu negozju b'suċċess billi jaħdmu id f'id ma' imprenditur b'esperjenza minn pajjiż ieħor sa massimu ta' sitt xhur. Iż-żjara hija ffinanzjata mill-UE.

Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress: <http://ec.europa.eu/epmf>

Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ: <http://www.erasmus-entrepreneurs.eu>

Fondi tal-UE għal intrapriżi żgħar u medji: <http://www.access2finance.eu/>

Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI): <http://ec.europa.eu/social/easi>

Informa ruħek



<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

**ft-EWROPA**

## **ID-DRITTIJET TIEGĦEK — Informa ruĥek**

L-UE tiżgura li l-Ewropej kollha jistgħu jagħmlu użu mid-drittijiet fundamentali tagħhom. Dawn jinkludu l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-dritt għall-assistenza medika. Madwar l-Ewropa, l-UE tappoġġa l-azzjonijiet li huma mmirati lejn iż-żieda fl-għarfien dwar il-bżonn li tkun miġġielda l-inġustizzja soċjali u li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta.

Il-bini ta' Żona Ewropea tal-Ġustizzja: <http://ec.europa.eu/justice>

Indirizzar tad-diskriminazzjoni: [http://ec.europa.eu/justice/discrimination/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice/discrimination/index_mt.htm)

L-Ewropa tiegħek: [http://europa.eu/youreurope/citizens/index\\_mt.htm](http://europa.eu/youreurope/citizens/index_mt.htm)

**Ikseb l-għanijiet tiegħek**



<http://ec.europa.eu/youthonthemove>

**fl-EWROPA**

## AĦDEM — Ikseb l-għanijiet tiegħek

Li wieħed jidħol fis-suq tal-impjegi huwa diffiċli, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh. L-UE qed tipprovdi liċ-ċittadini Ewropej kollha b'firxa ta' għodod biex dawn ikunu jistgħu jtejbu l-oppurtunitajiet tagħhom ta' impjieg. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa eżempju wieħed minn dawn: madwar 10 miljun persuna kull sena jibbenefikaw mill-programmi ta' dħul fis-suq tax-xogħol u mill-programmi ta' taħriġ iffinanzjati mill-ESF. Eżempju ieħor huwa l-EURES, il-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol li jipprovdi aċċess online għal madwar miljun offerta ta' impjieg. "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" hija skema ta' mobilità fix-xogħol li tgħin liż-żgħażaġh isibu impjieg u tgħin lil min iħaddem isib il-ħaddiema. L-għan tagħha huwa li tqabbel lil dawk li qed ifittxu x-xogħol u lil dawk li jridu jbiddu x-xogħol ma' postijiet tax-xogħol li huma diffiċli biex jimtlew madwar l-Ewropa.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, l-Enterprise Europe Network (Netwerk Enterprise Europe) jipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi sabiex jgħin lill-impreditturi jespandu n-negozji tagħhom fl-Ewropa u lil hinn. In-Netwerk għandu 600 imsieħba f'aktar minn 50 pajjiż.

Fond Soċjali Ewropew: <http://ec.europa.eu/esf>

EURES: <https://ec.europa.eu/eures>

<http://ec.europa.eu/social/yourfirsteuresjob>

Netwerk Enterprise Europe: <http://een.ec.europa.eu>



## **Żurna fuq:**

Il-websajt ta' Żgħażaġħ Attivi: <http://ec.europa.eu/youthonthemove>

Żgħażaġħ Attivi fuq Facebook: <http://www.facebook.com/YouthontheMoveEurope>

Gallerija tar-ritratti ta' Żgħażaġħ Attivi: <http://www.flickr.com/photos/socialeurope>



KUN INNOVATTIV  
TGĦALLEM  
STUDJA  
OĦLOQ IPPARTEĊIPA  
ID-DRITTIJJET TIEGĦEK  
AHDDEM THARREGĠ  
IL-VOLONTARJAT  
IĊĊAQLAQ

KE-01-14-136-MT-N



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet